MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 652/2001

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Victor Borg, iben Anthony, imwieled in-Naxxar fid-9 ta' jannar, 1954

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, ġewwa San Ġiljan u f'diversi nħawi oħra, fid-19 ta' ġunju, 2001 u id-diversi xhur ta' qabel, b'diversi atti li saru fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
Għamel kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta, mingħajr ma kellu liċenzja mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 3 ta' l-Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Ġenerali a bażi tal-artikolu 23(2) ta’ l-Att ta’ l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta’ Malta) biex jittieħdu passi kriminali kontra l-persuna hawn fuq imsemmija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ċertu Alfred Attard għamel rapport lill-pulizija li l-imputat kien qed jislef il-flus il-casino’ tad-Dragonara. Il-pulizija bdew l-investigazzjonijiet tagħhom u wara li saret tfittxija fid-dar ta’ l-imputat ġew elevati żewġ skritturi u cheques li minnhom rrizulta li l-imputat silef lill-tlett persuni.

Illi l-imputat irrilaxxa żewġ stqarrijiet fejn hu qal li hu kien silef xi flus lil dawn it-tliet min-nies għaliex hu kien jafhom u kienu ħbieb tiegħu.

Illi mix-xhieda ta’ Alfred Attard quddiem din il-Qorti rrizulta li fil-fatt dan ix-xhud qatt ma ra lill-imputat jislef il-flus l-casino’. L-imputat imur regolarment il-casino’, kemm fis-sajf, kif ukoll fix-xitwa u mix-xhieda ta’ l-imputat irrizulta li Alfred Attard li kien imiur kuljum biex jilgħab ried jissellef xi flus mingħand l-imputat u dan ta’ l-aħħar kien irrifjuta.

Illi għandu jiġi rilevat li l-imputat għand negozju tal-‘wall paper’ u dik hi l-professjoni tiegħu.

Illi mix-xhieda ta’ dawn it-tlett persuni li ssellfu l-flus mingħand l-imputat jirrizulta ampjament li dan għamlu bħala pjaċir u jirrizulta wkoll li tnejn minnhom lanqas biss

għandhom bdew iħallsu d-dejn tagħhom lura. Jirrizulta li sal-lum għadhom f'qagħda finanzjarja prekarja u fuq punt ta' irġulija l-imputat mahux qed jagħmel pressjoni fuqhom biex iħallsu lura dak li sellifhom.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tal-Appell Kriminali tat sentenza fil-5 ta' novembru, 2004 fejn ingħatat interpretazzjoni ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji. Din hi sentenza fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v Raymond Bajada'. Minn din is-sentenza joħroġ ċar il-prinċipju li Istituzzjoni Finanzjarja tfisser li persuna b'mod regolari jew abitwali ssellef il-flus. Dan mhux il-każ ta' l-imputat għaliex ix-xogħol tiegħu hu li jwaħħal il-'wall paper'. Anżi jirrizulta li l-imputat qed jitlef il-flus minn dan is-self ta' flus li hu kkonċeda lill-ħbieb tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------